**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Att t'Akkuza numru 14/2022**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**Vs**

**STEPHEN CARUANA**

Illum 15 ta' Dicembru, 2022

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 14 tas-sena 2022 migjuba fil-konfront tal-akkuzat Stephen Caruana, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 540380M fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ipremetta:

> Romina Caruana nee Gaffarena, iżżewġet lil **Stephen Caruana** (aktar l-isfel magħruf bħala l-akkużat) fl-għaxra (10) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000) u minn dak iż-żmien, flimkien kellhom erbat itfal. Il-ħajja tagħhom kienet waħda konjugali normali li pero kienet ħadet żvolta għall-agħar meta l-imħabba ta' bejniethom għaddiet minn mument ftit dgħajjef, ħaġa li effettivament, wieħed irid jew ma jridx, tiġri, u ħadd ma jkollu kontroll fuqha. Din it-tip ta' sitwazzjoni hija riżultat ta' numru ta' ċirkostanzi li konjugi biss ikunu jafu x'inhuma u li tista tissolva biss jekk konjugi iridu li tissolva u bl-isforz taż-żewġ naħat.
>
> Bħala riżultat ta' dan il-mument difficli fil-ħajja miżżewġa tagħhom, Romina Caruana, cioe il-mara tal-akkużat Stephen Caruana, bdiet relazzjoni amoruża mal-vittma Neville Baldacchino. Din ir-relazzjoni

amoruża ta' bejniethom bdiet twassal għal laqgħat bejniethom li kienu jirriżultaw f'mumenti fejn it-tnejn li huma kienu ikunu intimi ma' xulxin, effettivament, ir-relazzjoni ta' bejniethom mhux biss kienet waħda amoruża, iżda kienet zviluppat f'waħda sesswali. Dina r-relazzjoni bejn Romina Caruana u Neville Baldacchino kienet issir bil-moħbi tar-ragel ta' Romina Caruana u cioe' bil-moħbi tal-akkuzat Stephen Caruana. Din ir-relazzjoni, ma kelliex tkun waħda problematika, u sabiex jitneħħew il-problemi, li kellha tagħmel Romina Caruana, kien li titkellem mal-akkużat Stephen Caruana u jiddeċiedu x'kien se jsir miż-żwieġ tagħhom.

Pero din il-konverżazzjoni bejn Romina u l-akkużat Stephen Caruana qatt ma seħħet u r-relazzjoni amoruża ta' bejn Romina Caruana u l-vittma nżammet moħbija mill-akkużat Stephen Caruana li pero beda jissuspetta li kien hemm xi ħaġa li ma kenitx tagħmel wisq sens. Fil-fatt, wara ftit ġimgħat illi kienet għaddejja din ir-relazzjoni amoruża u sesswali bejn il-vittma u l-mara tal-akkużat, l-akkużat Stephen Caruana daħal fuq Romina Caruana waqt li kienet fuq it-telephone fil-kamra tal-banju titkellem mal-vittma u effettivament staqsiha ma' min kienet qed titkellem, għal liema mistoqsija Romina Caruana rrispondiet billi qalet li kienet qed tkanta u fl-istess ħin l-akkużat Stephen Caruana ħadilha l-mobile biex jiċċekkja għall-affari tiegħu.

Fil-fatt kien hemm numru ta' okkażjonijiet li fihom, il-familja tal-akkużat Stephen Caruana kienet tkun barra, għal xi okkażjoni, u fihom, kienet tiltaqa' mal-familja tal-vittma, ħaġa li kienet qed tibda tidher suspettuża kemm għall akkużat Stephen Caruana, kif ukoll għal mara tal-vittma li pero ma għamlu xejn dwarha f'dawk il-mumenti. Oltre minn hekk, jirriżulta li Neville Baldacchino, cioe, il-vittma, kien mar id-dar tal-akkużat Stephen Caruana, bl-isem Carm Joe, Triq id-Drama Ħal-Qormi, Malta, numru ta' drabi sabiex jiltaqa' ma' Romina Caruana u għalhekk kien familjari mal-post. L-aħħar darba li l-vittma marret fir-residenza tal-akkużat Stephen Caruana ħara li kienet żjara li rriżultat bħala waħda fatali għall-vittma.

Nhar it-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfjen u tmienja (2008), Romina Caruana u l-vittma Neville Baldacchino kienu ltaqgħu filgħodu u ftiehemu sabiex dik l-istess ġurnata, filgħaxija, ladarba ikunu raqdu l-akkużat Stephen Caruana u t-tfal tiegħu, Romina Caruana kellha ċċempillu u tavżaħ li jista' imur għandha u dan għax ma kienx se jkun hemm periklu li jinqabdu. Hekk fil-fatt ġara, dak inhar, filgħaxija, Romina Caruana avżat lill-vittma Neville Baldacchino li kollox kien sew, kulħadd raqad, u sabiex imur għandha.

Wara li Romina Caruana avżatu, Neville Baldacchino, mar fuq il-post, fil-fond Carm Joe, Triq id-Drama, Ħal-Qormi, Malta, fejn kien fil-fatt mar numru ta' drabi qabel, neża ż-żarbun ħdejn il-bieb ta' barra, daħal ġewwa u tela fil-kamra tas-sodda li kien hemm fis-sular ta' fuq. Romina Caruana u l-vittma Neville Baldacchino kienu qegħdin flimkien fil-kamra tas-sodda fis-sular ta' fuq fejn kellhom skambju sesswali u amoruż u dan fil-waqt li l-akkużat **Stephen Caruana** flimkien mat-tfal kienu isfel, suppost reqdin fil-kamra tas-sodda l-oħra li tinstab isfel.

L-inkontru sesswali ta' bejn Romina Caruana u Neville Baldacchino beda u spiċċa, il-ġurnata kienet laħqet qalbet għad-dsatax (19) ta' Dicembru 2008, kienu madwar is-siegħa ta' filgħodu, u wara li spiċċa dan l-inkontru, Romina Caruana niżlet isfel biex tisqi lit-tifla ta' ftit aktar minn sena tagħha li kienet qed tibki f'dak il-mument u fl-istess ħin ċċekjat li l-akkużat **Stephen Caruana** kien għadu rieqed u dan sabiex Romina Caruana tkun tista' tagħmel sinjal lil Neville Baldacchino sabiex ikun jista' joħroġ mir-reżidenza. Iżda l-affarijiet f'dan l-istadju bdew jieħdu dehera naqra iktar ikkumplikata. Ġara fil-fatt li l-akkużat Stephen Caruana kien nagħsu ħafif, beda jiċċaqlaq u ma deherx li kien rieqed fil-fond ħafna.

Waqt li Romina Caruana kienet ħdejn l-akkuzat **Stephen Caruana** fil-kamra tas-sodda matrimonjali tagħhom li qieghdha isfel, semgħu ħoss ġej minn fuq, u għalhekk l-akkużat Stephen Caruana qam, mar ħdejn it-taraġ u hemm sema' xi passi ġejjin minn fuq u għalhekk qabad s-senter tiegħu tal-marka Benelli, ikkargah u tela' fis-sular ta' fuq. Meta wasal fuq, u wasal fejn it-terrazzin liema terrazzin ma kien iwassal għal imkien, sab lill-vittma Neville Baldacchino.

Kien mument li fih l-akkuzat **Stephen Caruana** kellu għażla, jew joqtol lil vittma Neville Baldacchino jew iħallih jgħix. L-għażla li għamel l-akkuzat Stephen Caruana dak inhar, fid-19 ta' Diċembru 2008 ġewwa l-fond Carm Joe, Triq id-Drama Ħal Qormi, Malta, kienet dik li jieħu l-ħajja ta' persuna gratwitament, mingħajr il-bżonn jew neċessita li jsir hekk. Fil-fatt, meta wasal fejn it-terrazzin u sab lil Neville Baldacchino, l-akkużat Stephen Caruana għażel li jiġbed il-grillu tas-senter tiegħu, u dan għamlu mhux darba, iżda erbgħa darbiet tant li żvojta s-senter mill-iskratacc kollha li bihom kien ikkargah. Tliett tiri minnhom fil-fatt laqtu lil vittma u kkaġunawlu l-mewt. L-akkużat Stephen Caruana, mhux talli ried jispara fuq il-vittma iżda tant ried jaċċerta ruħu li dan kien se jmut, li propju għalhekk li sparalu ftit jew wisq b'mod li jixbaħ ħafna eżekuzzjoni b'dak l-ammont ta' tiri fejn wieħed mar f'rasu, ieħor f'idu, it-tielet f'sieq































u u wieħed biss li ma laqtux.

Wara li sar dak li ried li jseħħ, l-akkużat Stephen Caruana niżel isfel, poġġa s-senter fuq il-gradenza u mar jispjega x'kien ġara lil Romina Caruana.

Għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Stephen Caruana** sar ħati ta' **omiċidju volontarju**, u cioe' talli nhar id-dsatax (19) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1:00 a.m.) ġewwa l-fond bl-isem Carm Joe, Triq id-Drama, Qormi, Malta **dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Neville Baldacchino jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ikkaġunalu l-mewt**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti imsemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Stephen Caruana** ħati ta' **omiċidju volontarju** u cioe' talli nhar id-dsatax (19) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1:00 a.m.) ġewwa l-fond bl-isem Carm Joe, Triq id-Drama, Qormi, Malta, **dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Neville Baldacchino jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ikkaġunalu l-mewt**.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Stephen Caruana** u illi huwa jiġi ikkundannat għall-**piena ta' priġunerija għal għomru**, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 211 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ipremetta:**

Fl-isfond tal-istess żmien, lok u ċirkostanzi msemmija fl-ewwel kap t'akkuża, cioe nhar id-dsatax (19) ta' Diċembru 2008, għal-ħabta tas-siegħa (01:00hrs) ta' filgħodu, ġewwa l-fond Carm Joe triq id-Drama, Ħal Qormi, Malta, **Stephen Caruana** (iktar l-isfel magħruf bħala l-'akkużat') kkommetta l-omiċidju ta' Neville Baldacchino, u biex kkommettieħ għamel użu ta' arma tan-nar.

Ġara fil-fatt illi l-akkużat Stephen Caruana meta qam, sema' ħsejjes ġejjin mis-sular ta fuq, inkluż ħsejjes ta' passi. Għalhekk l-akkuzat Stephen Caruana mar u sab l-arma tan-nar tiegħu, tal-marka Benelli, kkaragaha, tela' fuq u hemm sab lill-vittma Neville Baldacchino. Meta sab lil Neville

Baldacchino, ġibed il grillu tal-arma tan-nar, total ta' erba (4) darbiet. Riżultat ta' dawn it-tiri li laqtuħ, Neville Baldacchino miet.

Wara li kkommetta dan ir-reat fuq il-persuna ta' Neville Baldacchino, l-akkuzat **Stephen Caruana** niżel isfel, poġġa l-arma tan-nar fuq il-gradenza qisu xejn m'hu xejn. Ħdejn l-arma tan-nar, ġiet innutata ukoll kaxxa tal-iskrataċċ tat-tip Clever Mirage gauge 12.

Għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Stephen Caruana** sar ħati talli **filwaqt li kien qed jagħmel reat kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti** u cioe' talli nhar id-dsatax (19) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1:00 a.m.) ġewwa l-fond bl-isem Carm Joe, Triq id-Drama, Qormi, Malta **filwaqt li ikkaġuna l-mewt tal-vittma Neville Baldacchino, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti imsemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Stephen Caruana** ħati talli **filwaqt li kien qed jagħmel reat kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti** u cioe' talli nhar id-dsatax (19) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1:00 a.m.) ġewwa l-fond bl-isem Carm Joe, Triq id-Drama, Qormi, Malta, **filwaqt li ikkaġuna l-mewt tal-vittma Neville Baldacchino, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti**.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Stephen Caruana** u illi huwa jiġi ikkundannat għall-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn erba' (4) snin, kif ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti*, u li l-akkużat ikun ipprojbit milli jkollu xi liċenzja taħt l-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien mhux iżjed minn ħames (5) snin mis-sejbien ta' ħtija ta' reat taħt l-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 55(a), 56, u 57 tal-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ipremetta:**

Fl-isfond tal-istess żmien, lok u ċirkostanzi msemmija fil-kapi t'akkuża preċedenti, cioe nhar id-dsatax (19) ta' Diċembru 2008, għal-ħabta tas-siegħa (01:00hrs) ta' filgħodu, ġewwa l-fond Carm Joe triq id-Drama, Ħal Qormi, Malta, **Stephen Caruana** (iktar l-isfel magħruf bħala l-'akkużat') kkommetta l-omiċidju volontarju ta' Neville Baldacchino, u dan għamlu billi spara arma tan-nar f'post abitat, cioe fir-residenza fejn il-familja tal-akkuzat Stephen Caruana kienet tabita li tinstab fl-istess indirizz hawn fuq msemmi.

Ġara fil-fatt illi meta l-akkużat Stephen Caruana induna li kien hemm xi ħadd fis-sular ta' fuq, fl-istess dar fejn kien joqgħod, hu qabad is-senter tiegħu, tela' fuq u hemm sab lill Neville Baldacchino barra, fuq it-terrazzin. Malli l-akkuzat Stephen Caruana lemah lill-vittma Neville Baldacchino fuq it-terrazzin liema terrazzin ma kien iwassal ghall-imkien, qabad u spara l-istess senter tal-għamla Benelli.

Biex seħħ dan l-omiċidju tant viljakk, l-akkuzat **Stephen Caruana** spara l-arma tan-nar, cioe senter tal-għamla Benelli, total ta' erba' (4) darbiet, u tlieta (3) minn dawn it-tiri laqtu lill vittma. Tir minnhom laqat lil Baldacchino f'rasu, ieħor laqtu f'idejħ u ieħor laqtu f'siequ. L-akkużat b'dawn it-tiri fit-terrazzin tad-dar tiegħu stess, ried ikun ċert li lil Neville Baldacchino joqtlu.

Għalhekk b'għemilu, l-akkużat **Stephen Caruana** sar ħati talli nhar id-dsatax (19) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1:00 a.m.) ġewwa l-fond bl-isem Carm Joe, Triq id-Drama, Qormi, Malta, **spara arma tan-nar u cioè senter tal-għamla Benelli f'post abitat**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti imsemmija aktar il fuq f'dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Stephen Caruana** ħati talli nhar id-dsatax (19) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1:00 a.m.) ġewwa l-fond bl-isem Carm Joe, Triq id-

Drama, Qormi, Malta, **<u>spara arma tan-nar u cioè senter tal-għamla Benelli f'post abitat</u>**.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Stephen Caruana** u illi huwa jiġi ikkundannat għall-**multa ta' mhux anqas minn** mitejn tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu €232.94 **iżda mhux iżjed minn** erba' elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu €4658.75, **u l-konfiska tal-*corpus delicti***, skont dak li hemm u jintqal fir-regolamenti 18(2)(a) u 27(2)(a)[1] tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fir-Raba' Kap ipremetta:**

Fl-isfond tal-istess żmien, lok u ċirkostanzi msemmija fil-kapi t'akkuża preċedenti, cioe nhar id-dsatax (19) ta' Diċembru 2008, għal-ħabta tas-siegħa (01:00hrs) ta' filgħodu, ġewwa l-fond Carm Joe Triq id-Drama, Ħal Qormi, Malta, **Stephen Caruana** (iktar l-isfel magħruf bħala l-'akkużat') kkommetta l-omiċidju ta' Neville Baldacchino, u dan għamlu billi spara arma tan-nar (senter tal-ghamla Benelli) liema arma tan-nar l-akkuzat Stephen Caruana ma kellux liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex tkun fil-pussess u kontroll tiegħu.

Fil-fatt ġara illi biex wettaq l-omiċidju ta' Neville Baldacchino, l-akkuzat **Stephen Caruana** uża senter tal-għamla Benelli u biha spara numru ta' tiri li bihom laqat lil vittma Neville Baldacchino. Wara li seħħ dan, l-akkuzat Stephen Caruana niżel isfel fid-dar tiegħu, u hemm fuq il-gradenza poġġa l-arma li ħdejha nstabu munizzjoni minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija u cioe' nstabet ukoll kaxxa tal-iskrataċċ tat-tip Clever Mirage gauge 12, u dawn kienu kollha fil-pussess u ntużati mill-akkużat mingħajr ma hu kellu liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Għalhekk b'għemilu, l-akkużat **Stephen Caruana** sar ħati talli nhar id-dsatax (19) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1:00 a.m.) ġewwa l-fond bl-isem Carm Joe, Triq id-Drama, Qormi, Malta, **<u>kellu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu</u>**

---

[1] Hekk kif kienu qabel l-emendi introdotti bl-avviżi legali 431 tal-2013; 110 tal-2014; 281 tal-2015; 367 tal-2020; 86 tal-2022.

**<u>xi arma tan-nar, mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija</u>**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti imsemmija aktar il fuq f'dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Stephen Caruana** ħati talli nhar id-dsatax (19) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1:00 a.m.) ġewwa l-fond bl-isem Carm Joe, Triq id-Drama, Qormi, Malta **<u>kellu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu xi arma tan-nar mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija</u>**.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Stephen Caruana** u illi huwa jiġi ikkundannat għall-**piena ta' priġunerija għal żmien mhux inqas minn tliet (3) xhur u mhux iżjed minn ħames (5) snin**, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 5(1) u 51(2) tal-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fil-Hames u l-ahhar Kap ipremetta:**

Fl-isfond tal-istess żmien, lok u ċirkostanzi msemmija fil-kapi t'akkuża preċedenti, cioe nhar id-dsatax (19) ta' Diċembru 2008, għal-ħabta tas-siegħa (01:00hrs) ta' filgħodu, ġewwa l-fond Carm Joe triq id-Drama, Ħal Qormi, Malta, **Stephen Caruana** (iktar l-isfel magħruf bħala l-'akkużat') kkommetta l-omiċidju ta' Neville Baldacchino, u dan għamlu billi spara arma tan-nar liema arma tan-nar ma kellux liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex tkun fil-pussess u kontroll tiegħu u fl-istess ħin naqas milli jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija illi kien akkwista jew li kellu fil-pussess tiegħu kellu din l-istess arma tan-nar.

Kif fil-fatt ġie spjegat fil-kapi preċedenti, l-akkużat Stephen Caruana kellu din l-arma tan-nar tal-marka Benelli u kellu l-obbligu li jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija bil-pussess ta' din l-arma iżda hu dan ma għamlux u għalhekk kien qiegħed jonqos milli jagħmel dak li kien obbligat bil-liġi li jagħmel. Mhux talli kellu din l-arma tan-nar, talli kellu ukoll numru ta' skrataċċ imorru magħha u dan għaliex fuq il-gradenza tad-dar tiegħu nstabet ukoll kaxxa tal-iskrataċċ tat-tip Clever Mirage gauge 12.

Għalhekk b'għemilu, l-akkużat **Stephen Caruana** sar ħati talli nhar id-dsatax (19) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1:00 a.m.), f'dawn il-Gżejjer, **naqas milli javża lill-Kummissarju tal-Pulizija, meta huwa akkwista jew ġiet f'idejh xi arma tan-nar, jew munizzjon xort'oħra milli għax ikollu liċenzja.**
**L-akkuża**:

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Stephen Caruana** talli nhar id-dsatax (19) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008), għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1:00 a.m.), f'dawn il-Gżejjer, **naqas milli javża lill-Kummissarju tal-Pulizija, meta huwa akkwista jew ġiet f'idejh xi arma tan-nar, jew munizzjon xort'oħra milli għax ikollu liċenzja.**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Stephen Caruana** u illi huwa jiġi ikkundannat għall-**piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet (3) xhur jew multa ta' mhux iżjed minn sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€698.81)**, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41 u 51(9) tal-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet preliminari tal-istess Stephen Caruana, pprezentata fit-13 t'Ottubru 2022 fejn eccepixxa:

1. L-estinzjoni ta' l-azzjoni kriminali fir-rigward tar-reati msemmija fit-tieni, fit-tielet, fir-raba' u fil-hames kap ta' l-att ta' l-akkuza;

2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, in-nullita' tat-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu r-reat fih deskritt ma jinkwadrax fid-disposizzjonijiet indikati mill-Avukat Generali fl-istess kap;

3. L-inammissibilita' ta' dik il-parti tax-xhieda ta' Paul Baldacchino li tirrigwarda dak li suppost qallu d-decujus Neville Baldacchino in kwantu

tikkostitwixxi hearsay evidence li ma tistax tigi kontrollata mill-eccipjent galadarba x-xhud Paul Baldacchino huwa llum decedut;

4. L-inammissibilita' tal-buckle swab mehuda minn Romina Caruana u l-inammissibilita' tax-xhieda moghtija u tar-rapporti redatti minn Marisa Cassar fir-rigward ta' l-imsemmija buckle swab in kwantu jmorru kontra dak kontenut fl-artikolu 635 tal-Kodici Kriminali.

Rat ukoll in-nota tal-Avukat Generali pprezentata nhar id-19 ta' Ottubru, 2022 fejn huwa wara li ra n-nota tal-akkuzat fejn kien indika numru ta' xhieda u fejn spjega li dawn se jixhdu dwar ir-relazzjoni tal-akkuzat mal-mara tieghu u fatti u cirkostanzi ohra tal-kaz. Madankollu, l-akkuzat ma specifikax ezattament x'inhuma l-fatti u cirkostanzi ohra li qieghed jirreferi ghalihom u ghaldaqstant l-Avukat Generali qal li dawn ma humiex ammissibbli.

**Ikkunsidrat:**

**Fl-ewwel eccezzjoni** tieghu l-akkuzat Stephen Caruana qieghed isostni l-estinzjoni ta' l-azzjoni kriminali fir-rigward tar-reati msemmija fit-tieni, fit-tielet, fir-raba' u fil-hames kap ta' l-att ta' l-akkuza. Din l-eccezzjoni hija msejsa fuq il-fatt li d-difiza qed tghid li saret korrezzjoni u li ma jidhirx li l-akkuzat gie notifikat b'tali korrezzjoni. L-akkuzat gie notifikat bl-att t'akkuza nhar it-23 ta' Settembru 2022 u ghalhekk ghandu jitqies li gie notifikat l-ewwel darba b'dawn l-akkuzi dakinhar. Stante li l-accident mertu ta' dawn il-proceduri sar fis-sena 2008, l-akkuzi mnizzlin fil-Kapi sucitati huma preskritti.

L-Avukat Generali f'dan ir-rigward irribatta billi qal illi bl-ebda mod ma jista' jinghad li dawn l-akkuzi huma preskritti u jirriflettu l-imputazzjonijiet li kien orginarjament akkuzat bihom quddiem il-Qorti tal-Magistrati u li hu wiegeb ghalihom. Min-naha l-ohra, id-difiza fir-replika tenniet illi mhux cert ghaliex ezatt wiegeb l-akkuzat. Id-difiza qalet ukoll illi kieku sar verbal fuq tali

korrezzjoni, giet inizjalata l-istess korrezzjoni u hemm data fuqha, kieku l-pozizzjoni tal-akkuzat f'dan ir-rigward kienet tkun differenti.

Din il-Qorti tixtieq tibda billi tghid illi l-partijiet ma specifikawx ghal-liema korrezzjoni kienu qeghdin jirreferu. Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-atti, l-unika korrezzjoni li setghet tinnota hija dik tad-data fl-ewwel pagna tal-atti. Originarjament jidher li s-sentenza koncernata kienet tipprovdi hekk: '*Talli f'Hal Qormi nhar is-19 ta' Settembru 2008.*' Ix-xahar ta' Settembru gie maqtugh bil-linka u fuqu gie mnizzel ix-xahar ta' Dicembru. Din il-Qorti tista' tinnota wkoll il-firem tal-alluri spetturi Chris Pullicino u Daniel Zammit hdejn l-istess korrezzjoni u dan meta anke kkumparat mal-istess firem fil-qiegh tac-citazzjoni jidhru li huma firem veri tal-istess ufficcjali tal-pulizija.

Huwa opportun illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami**[2] fejn gie ritenut hekk:

> *'… tahrika quddiem il-Qorti tal Pulizija Gudizzjarja m'hemmx ghalfejn issir skond xi formula sagramentali tal-precizzjoni kollha; hija ordni lill-imputat biex jidher b'dan li fl-ordni ghandu jkun hemm bizzejjed biex l-imputat ikun jaf ta' x'hix ghandu jwiegeb sew, tant li jekk issir xi bidla fit-tahrika l-imputat jista' jitlob biss differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu tajjeb.'*

Minkejja dak citat *supra*, din il-Qorti thoss li ghandha tiddistingwi bejn korrezzjoni li ssir qabel ma tinqara l-akkuza bil-gurament u korrezzjoni li ssir wara li tinqara l-akkuza bil-gurament. Kif diga gie ritenut, il-Qorti nnutat tali

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Gunju, 1989.

korrezzjoni fl-ewwel pagna tal-process. Din il-Qorti sejra issa taghmel referenza ghal folio numru 4 tal-atti processwali, u cioe' ghall-verbal dat l-20 ta' Dicembru, 2008 fejn gie ritenut hekk:

> *'Meta ssejhet il-kawza deher l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Chris Pullicino;*
>
> *Deher l-imputat debitament assistit minn Dr Giannella Caruana Curran u Dr Arthur Azzopardi;*
>
> *Deher Dr Edward Gatt bhala parte civile li pprezenta nota li qed tigi mmarkata Dok EG1;*
>
> *L-Ispettur Chris Pullicino qara l-akkuza bil-gurament u pprezenta l-fedina penali ta' l-imputat li qed tigi mmarkata Dok CP1;*
>
> *…'*

Skond il-kronologija tal-verbal li jinsab a fol 4 u 5 tal-process, a fol. 6 insibu n-nota ta' Dr. Gatt u a fol. 7 insibu **fotokopja** tal-ewwel pagna tal-process u cioe' tac-citazzjoni hekk ezatt kif tinsab fl-ewwel pagna, **bil-korrezzjoni nkluza**. Fuq nett bil-linka mbghad nsibu l-kliem *'L-Ispettur Chris Pullicino bil-Malti u bil-gurament u* ***fil-prezenza tal-akkuzat*** *jghid:-'* Din il-Qorti tinsab konvinta ghalhekk, anke mill-esperjenza taghha, illi tali korrezzjoni saret **qabel** inqraw l-akkuzi mill-Ispettur bil-gurament konsegwentement ma kienx hemm bzonn li c-citazzjoni bil-korrezzjoni kif fuq spjegata tigi mill-gdid notifikata lill-akkuzat u dan ghaliex l-akkuzat kien notifikat biha sa mil-bidu nett tal-proceduri u cioe minn meta l-istess citazzjoni giet mahlufa quddiem il-Qorti nhar l-20 ta'

Dicembru, 2008. Ghaldaqstant huwa kkonfermat illi din ic-citazzjoni b'din il-korrezzjoni giet ipprezentata fil-prezenza tal-akkuzat u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-akkuzat qeghda tigi michuda.

**<u>It-tieni eccezzjoni</u>** mressqa mill-akkuzat tirrigwardja n-nullita' tat-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu r-reat fih deskritt ma jinkwadrax fid-disposizzjonijiet indikati mill-Avukat Generali fl-istess kap. Fit-trattazzjoni ta' dawn l-eccezzjonijiet, id-difiza tghid illi r-reat kif stipulat f'dan il-Kap ma kienx gie addebitat lill-akkuzat fic-citazzjoni tal-pulizija. Qieghed jigi argumentat allura li l-ewwel darba li l-akkuzat gie nnotifikat b'dan ir-reat kien b'permezz ta' l-Att t' Akkuza w ghalhekk fil-prezent hu preskritt. Skond id-difiza r-reat addebitat lill-akkuzat fic-citazzjoni w quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien jaqa' taht l-Ordinanza dwar l-Esplozivi u cioe' Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan u ser tghaddi sabiex taghti spjegazzjoni ghal dan.

Quddiem il-Qorti tal-Magistrati, l-akkuzat, fost ir-reati l-ohrajn, gie akkuzat bis-segwenti:

> *'U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, spara arma tan-nar u cioe' sener ta' ghamla Benelli f'post abitat, jew fi qrib tieghu, jew fi triq pubblika jew fil-port;'*

Fit-tielet Kap. tal-Att t' Akkuza l-Avukat Generali jghid illi:

> *'..l-akkuzat Stephen Caruana sar hati talli nhar is-dsatax (19) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghall-habta tas-siegha ta' filghodu (1:00 am) gewwa l-fond bl-isem Carm Joe, Triq id-Drama, Qormi, Malta, **<u>spara arma tan-nar u cioe' senter tal-ghamla Benelli f'post abitat</u>**.'*

B'referenza ghall-piena, l-Avukat Generali jaghmel referenza ghal dak ritenut fir-regolamenti 18(2)(a) u 27(2)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta u dawn hekk kif kienu qabel l-emendi ntrodotti bl-avvizi legali 341 tal-2013; 110 tal-2014; 281 tal-2015; 367 tal-2020 u 86 tal-2022. Permezz tal-Avviz Legali 79 tal-2006 giet promulgata SL 549. 42 intitolata Regolamenti Dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi. L-Artikoli 18(2)(a) u 27(2)(a) u (3) kienu jaqraw hekk:

> *'18 (2) (a) Ebda persuna m'ghandha ggorr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-ghata taghha, jew jispara xi arma tan-nar, waqt li hija tkun inqas minn 200 metru minn xi belt jew rahal, jew zona abitata ohra, jew f'medda ta' 50 metru minn toroq prinçipali jew arterjali*
>
> *Izda din id-distanza ta' 50 metru ma tkunx tapplika fil-kaz ta' toroq sekondarji u moghdijiet fil-kampanja*
>
> *Izda wkoll is-senter m'ghandux ikun immirat fid-direzzjoni tat-triq, kemm jekk din tkun prinçipali, arterjali, sekondarja jew moghdijafil-kampanja.*
>
> *27(2) Kull persuna li twettaq reat kontra r-regolamenti 4(b), 18(1)(f)(ii)(aa) u 24 (1) ta' dawn ir-regolamenti tista' tehel:*
>
> *(a) meta tinsab hatja ghall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn hamsin lira Maltija (Lm50) izda mhux izjed minn elf lira Maltija (Lm1,000) u l-konfiska tal-corpus delicti. Il-Qorti tista'*

*wkoll tordna s-sospensjoni tal-licenza jew permess ghall-perjoduta' mhux inqas minn sena.*

*(3) Kull persuna li twettaq reat kontra kull regolament iehor mhux imsemmi fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, tista' tehel:*

*(a) meta tinstab hatja ghall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn hamsin lira Maltija (Lm50) izda mhux izjed minn hames mitt lira Maltija (Lm500)*

Sussegwentament, permezz tal-Att Legali 39 ta' l-2007 saret is-segwenti emenda ghar-regolament 18(2)(a):

*'fil-paragrafu (a) tas-subregolament (2) tieghu, minnufih wara l-kliem "zona abitata ohra" ghandhom jizdiedu l-kliem "jew xi wahda mix-xtajtiet elenkati fl-Iskeda VII'.*

L-Att Legali 39 ta' l-2007 emenda wkoll ir-regolamenti 27(2)(a) u (3) b'dan il-mod:

*'Kull persuna li twettaq reat kontra r-regolamenti 4(b), 15, 18 (1)(f)(ii)(aa), u 24 tista' tehel:*

*(a)meta tinstab hatja ghall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn mitt lira (Lm100) izda mhux izjed minn elfejn lira (Lm2,000) u l-konfiska tal-corpus delicti.*

*Il-Qorti ghandha wkoll tordna s-sospensjoni ta'kull licenza jew permess mahruga taht dawn ir-regolamenti u taht it-*

*Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena izda mhux aktar minn tliet snin;*

*(3) Kull persuna li twettaq reat kontra xi regolament iehor mhux imsemmi fis-subregolament (2) u l-proviso tieghu rispettivament, tehel meta tinsab hatja:*

*(a)meta tinstab hatja ghall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn mitt lira (Lm100) izda mhux izjed minn elf lira (Lm1,000)*

Permezz tal-Avviz Legali 426 ta' 2007 ir-regolamenti 27(2)(a) u (3) gew emendati sabiex il-lira Maltija tigi kkonvertita fl-Ewro. Ghaldaqstant fis-sena tal-allegat reat u cioe fl-2008 dawn il-ligijiet kienu jaqraw hekk:

*18 (2) (a) Ebda persuna m'ghandha ggorr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-ghata taghha,jew jispara xi arma tan-nar, waqt li hija tkun inqas minn 200 metru minn xi belt jew rahal, jew zona abitata ohra jew xi wahda mix-xtajtiet elenkati fl-Iskeda VII, jew f'medda ta' 50 metru minn toroq prinçipali jew arterjali*

*Izda din id-distanza ta' 50 metru ma tkunx tapplika fil-kaz ta' toroq sekondarji u moghdijiet fil-kampanja*

*Izda wkoll is-senter m'ghandux ikun immirat fid-direzzjoni tat-triq, kemm jekk din tkun prinçipali, arterjali, sekondarja jew moghdijafil-kampanja.*

*'27(2) (a) Kull persuna li twettaq reat kontra r-regolamenti 4(b), 15, 18 (1)(f)(ii)(aa), u 24 tista' tehel:*

*meta tinstab hatja ghall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) izda mhux izjed minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u l-konfiska tal-corpus delicti.*

*Il-Qorti ghandha wkoll tordna s-sospensjoni ta' kull licenza jew permess mahruga taht dawn ir-regolamenti u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena izda mhux aktar minn tliet snin;*

*(3) Kull persuna li twettaq reat kontra xi regolament iehor mhux imsemmi fis-subregolament (2) u l-proviso tieghu rispettivament, tehel meta tinsab hatja:*

*(a)meta tinstab hatja ghall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) izda mhux izjed minn elf u mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69)'*

Ghalkemm din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tad-difiza, jista' jigi nnutat wkoll illi l-Avukat Generali ma kienx korrett fid-dicitura u l-piena tat-tielet kap tal-akkuza. Madankollu, dan mhux kaz ta' nullita u l-Artikolu 597(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi l-Qorti Kriminali tista', sew *ex officio*, kemm ukoll fuq eccezzjoni tal-akkuzat, tordna l-korrezzjoni ta' l-att tal-akkuza, basta li dan isir qabel l-akkuzat

iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati jew le: izda ebda haga m'ghandha tizdied fl-att ta' l-akkuza li tkun tista' taghmel izjed gravi r-reat.[3]

Ghaldaqstant taht is-sub-titoli '**Il-konsegwenza**' u '**l-akkuza**' tat-tielet kap tal-att t'akkuza wara l-kelmiet ***'spara arma tan-nar u cioe' senter tal-ghamla Benelli'*** il-kliem *'f'post abitat'* ghandhom jigu mibdula bil-kelmiet ***'waqt li huwa kien inqas minn 200 metru minn xi belt jew rahal, jew zona abitata ohra jew xi wahda mix-xtajtiet elenkati fl-Iskeda VII, jew f'medda ta' 50 metru minn toroq prinçipali jew arterjali.'***

Oltre minn hekk taht is-sub-titolu '**Il-piena**' tat-tielet kap tal-att t'akkuza, **l-kelmiet *'multa ta' mhux anqas minn*** *mitejn tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu €232.94* ***iżda mhux iżjed minn*** *erba' elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu €4658.75,* ***u l-konfiska tal-corpus delicti, skont dak li hemm u jintqal fir-regolamenti 18(2)(a) u 27(2)(a)'*** jigu korretti bil-kelmiet: ***'multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) izda mhux izjed minn elf u mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), skont dak li hemm u jintqal fir-regolamenti 18(2)(a) u 27(3)(a).'***

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni tal-akkuzat izda tordna korrezzjoni hekk kif spjegat *supra*.

**It-tielet eccezzjoni** tal-akkuzat titratta l-inammissibilita' ta' dik il-parti tax-xhieda ta' Paul Baldacchino li tirrigwarda dak li suppost qallu d-*decujus* Neville Baldacchino in kwantu tikkostitwixxi *hearsay evidence* li ma tistax tigi kontrollata mill-eccipjent galadarba x-xhud Paul Baldacchino huwa llum decedut.

[3] Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmelo Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar it-2 ta' Dicembru, 2010.

Din il-Qorti tixtieq tibda bill-tikkwota mis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Bernice Camilleri**,[4] u dan fejn tkellmet fuq il-*hearsay evidence*:

*'Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-"hearsay" u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-"**hearsay evidence**", u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:*

*598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.*

*(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.*

*(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.*

*599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-29 t'April, 2022.

*dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.*

*15. Fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano, il-kwistjoni tal-"**hearsay evidence**" kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:*

*21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:*

*'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'*

*22. Fil-fatt fil-kawża '**Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija**' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:*

*'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq lidentita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konlużjoni tal-ewwel qorti (li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'*

*23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ '**AlKhawaja and Tahery versus the United Kingdom**' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu*
*130:*

*'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'*

*24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib.* ***ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti.*** *(Ara paragrafi 9 -19 tal-istess*

*sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni tal-artikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).*

*25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret isserqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.*

*26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.*

*16. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-**ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:*

*Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9. Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa* ***Subramaniam v. Public Prosecutor*** *fejn insibu dan il-kliem: 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*

*Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali.*

*Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem itterza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.*

*F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:*

*'Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. H<u>u ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.'</u> (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).*

*17. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angelus Vella,</u>** deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-"hearsay evidence" ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:*

***Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni***

*ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li lkliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.'*

Fit-trattazzjoni taghha id-difiza qeghda targumenta illi dan huwa kaz ta' *hearsay doppju* u dak li xehed Paul Baldacchino ma jistax jigi kkontrollat u allura ma jistax isir lanqas kontro-ezami. Din il-Qorti minghajr l-ebda telf ta' hin tghid illi dan mhux xi kaz fejn xhud ikun xehed quddiem Inkjesta u ma jkunx xehed fil-presenza tal-akkuzat u allura d-difiza ma kellha l-ebda kontroll tax-xhud. Is-Sur Paul Baldacchino kien xehed quddiem l-Ewwel Qorti u d-difiza setghet taghmel il-kontro-ezami u kif jidher li nfatti sar meta dan xehed quddiem l-Istruttorja[5] u ghalhekk kellha kull kontroll fuq dak li xehed ix-xhud. F'dan l-istadju issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Micallef Insurance Agency Limited vs Mario Bugeja u s-socjeta' Bellusa Corporation Limited**[6] fejn gie ritenut hekk:

[5] Ara fol. 64 et seq. tal-ati processwali.
[6] Referenza Kostituzzjonali Numru. 4/2014 deciza mill-Prim Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) deciza nhar l-24 ta' Jannar, 2014.

*'Principju kardinali ta' smiegh xieraq hu l-equality of arms. Fil-proceduri gudizzjarji,* ***dan ifisser per ezempju li l-partijiet jinghataw l-opportunita' li jaghmlu kontro-ezami tax-xhieda li jressaq l-avversarju*** *(ara per ezempju decizjoni tal-Kummissjoni fil-kaz* ***X v Austria*** *(5362/72) [1972]).*

*Il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem kemm-il darba kkunsidrat l-uzu ta' xhieda li ittiehdet fi stadju qabel beda process kriminali, u ntuzat mill-prosekuzzjoni waqt il-proceduri kriminali minghajr id-difiza ma kellha l-opportunita' taghmel kontro-ezami*[7]*. F'dan il-kunest issir riferenza ghall-kazijiet* ***Arunas Mika vs Sweden*** *(31243/06) tas-27 ta' Jannar 2009 u* ***Ferrantelli & Santangelo v Italy*** *tas-7 ta' Awissu 1996. Ghalkemm dawn il-kazijiet kienu jirreferu ghall-proceduri kriminali, il-qorti ma tarax raguni ghalfejn m'ghandhomx iservu wkoll ta' gwida f'proceduri civili. Il-qorti osservat:*

- *Il-kwistjoni dwar ammissibilita' ta' provi hi primarjament materja li ghandha tigi regolata mil-ligi nazzjonali u bhala regola generali huma l-qrati nazzjonali li jridu jezaminaw il-provi li jkollhom quddiemhom;*

- *Id-dmir tal-Qorti Ewropea hu sabiex tara jekk meta tikkunsidra l-proceduri fit-totalita' taghhom, inkluz il-mod kif ingabru l-provi, il-process kienx xieraq;*

[7] *Skond l-Artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni: "Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights: …..*
*(d) to examine or have examined witnesses against him and to obtain the attendance and examination of witnesses on his behalf under the same conditions as witnesses against him.".*

- *Normalment il-provi ghandhom kollha jingabru fil-presenza tal-akkuzat waqt smiegh pubbliku. Dan ma jfissirx li sabiex dikjarazzjoni ta' xhud tkun ammissibbli trid dejjem issir f'qorti. F'certu kazijiet dan jista' jkun impossibbli;*

- *L-uzu ta' dikjarazzjonijiet li jkunu saru qabel il-process gudizzjarju m'huwiex inkonsistenti ma' Artikolu 6§1 u 3(d) tal-Konvenzjoni, diment li d-drittijiet tad-difiza huma rispettati. Dan ifisser li bhala regola d-difiza ghandha tinghata l-opportunita' li taghmel domandi lixxhud, jew meta jaghmel id-dikjarazzjoni jew waqt ilproceduri gudizzjarji;*

- *Id-drittijiet tad-difiza huma ristretti b'mod li huma inkompatibbli mal-htigijiet tal-Artikolu 6 jekk kundanna hi bbazata biss, jew b'mod deciziv, fuq deposizzjoni ta' xhieda li l-akkuzat qatt ma kellu l-opportunita' li jaghmlilhom kontro-ezami. Madankollu fil-kaz* ***Hummer v Germany*** *(26171/07) tad-19 ta' Lulju 2012, il-qorti osservat: "**The Court has emphasised in its recent caselaw that, where a hearsay statement is the sole or decisive evidence against a defendant, its admission at trial will not automatically result in a breach of Article 6§1. At the same time the Court found that where a conviction is based solely or decisively on the evidence of absent witnesses, it must subject the proceedings to the most searching scrutiny.".***

• *F'kull kaz il-qorti trid tinvestiga wkoll jekk dik id-dikjarazzjoni hijiex l-unika prova kontra l-akkuzat u jekk kienx inghata l-opportunita' li jaghti l-verzjoni tal-fatti kif maghrufa lilu*[8]*;*

***Fil-kaz ta' Mika, ix-xhud kienet mietet ftit granet wara li giet stuprata. Il-qorti osservat li ghal din ir-raguni: "[...] for which reason the Swedish authorities cannot be blamed for failing to ensure her presence at the trial.". Il-qorti kkonkludiet li ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.***

*Meqjusa dawn il-principji, il-qorti tosserva:-*

*1. Il-kaz jitratta dwar affidavit li kien diga' tressaq bhala prova, fid-data tal-mewt tax-xhud. Affidavit li gie pprezentat fil-21 ta' Jannar 2004, u li kopja tieghu nghatat lid-difensur tal-konvenuti.*

---

[8] *"According to the Court's case-law, this right normally presupposes that the evidence be produced at a public hearing, in the presence of the accused, with a view to adversarial argument. This does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to take into account such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with Article 6 §§ 1 and 3 (d), provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights entail an adequate and proper opportunity for the accused to challenge and question the witnesses against him, either when they make their statements or at a later stage of the proceedings (see* ***Delta v. France****, judgment of 19 December 1990, Series A no. 191-A, p. 16, § 36; and, more recently,* ***Mild and Virtanen v. Finland****, no. 39481/98 and 40227/98, § 42, 26 July 2005). In the event the impossibility to examine the witnesses or have them examined is due to the fact that they are missing, the authorities must make a reasonable effort to secure their presence (see Artner, p. 10, § 21 in fine; Delta, p. 16, § 37, both cited above; and* ***Rachdad v. France****, no. 71846/01, § 25, 13 November 2003). Finally, the conviction must not rest solely, or in a decisive manner, on the depositions of a witness whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined either during the investigation or at trial (***see Artner, p. 10, § 22; Delta, p. 16, § 37, both cited above; Isgrò v. Italy, judgment of 19 February 1991, Series A no. 194A, p. 13, § 35 in fine; Solakov v. the former Yugoslav Republic of Macedonia, no. 47023/99, § 57 in fine, ECHR 2001X; and Rachdad, cited above, § 23 in fine)." (Bonev v Bulgaria (60018/00 tat-8 ta' Gunju 2006).***

*2. Ir-regola generali hi li ezami ta' xhieda ghandu jsir viva voce quddiem il-qorti bil-miftuh (Artikolu 577 tal-Kap. 12). Il-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jikkontempla l-possibilta' li jigu pprezentati affidavits. Ghalkemm mill-atti ma jirrizultax li l-kumpannija attrici talbet il-permess tal-qorti sabiex tipprezenta l-affidavits, pero' ma jirrizultax li l-konvenuti oggezzjonaw ghalihom.*

***3. 'Il fatt li f'Mejju 2004 miet ix-xhud, ma jaghmilx ix-xhieda tieghu inammissibbli. Sahansitra' l-Artikolu 600 tal-Kap. 12[9] jipprovdi li bhala prova jistghu jitressqu dikjarazzjonijiet li jkunu saru bil-miktub f'kull lok li jkun, quddiem magistrat jew persuna ohra, in articulo mortis jew zmien iehor, irrispettivament sarux quddiem il-partijiet, bil-gurament jew le.***

*4. Dan ma kienx l-uniku xhud li ressqet l-attrici sabiex tirribatti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Fl-atti hemm affidavits ta' Dr Joseph P. Bonnici u Richard Micallef li jikkonfermaw li fil-bidu tas-sajf tas-sena 1996 kienet saret laqgha li matulha l-konvenut kien irrikonoxxa d-dejn u sar qbil li jhallas wara s-sajf. Xhieda li s'issa ma gewx kontroezaminati.*

*5. Dak li gara kien barra mill-kontroll tal-attrici.*

<u>*6. Jidher li ma kien hemm xejn milli jzomm lill-konvenuti li fis-seduta tat-22 ta' April 2004 jaghmlu kontroezami tax-xhud. Hu*</u>

[9] Rez applikabbli fi procedimenti quddiem Qrati ta' Gustizzja Kriminali bis-sahha tal-artikoli 520(1)(d).

*minnu li dakinhar suppost l-attrici kellha tressaq il-provi, pero' hu evidenti li ma kellix provi xi tressaq. F'dawk ic-cirkostanzi s-seduta setghet tigi wtilizzata sabiex isir il-kontro-ezami ta' Dr Grech li kien prezenti ghas-seduta.*

*7. F'kull kaz il-konvenut ghad ghandu l-possibilita' li jixhed sabiex jaghti l-verzjoni tieghu dwar dak li kien xehed l-avukat Grech fl-affidavit. Fil-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar 2005 jinghad li l-konvenut kellu jerga' jixhed "[…] u jaghti spjegazzjoni dwar id-deposizzjoni moghtija minn Dr Michael Grech li tieghu kien gie rizervat il-kontroezami.".*

*8. Hu fih innifsu prematur li wiehed ighid li l-konvenuti mhux ser ikollhom smiegh xieraq jekk l-affidavit jibqa' fil-process, meta hu maghruf li wiehed irid jezamina t-totalita' tal-proceduri.*

*Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, il-qorti tikkonkludi li l-ilment tal-konvenuti hu minghajr bazi.*

In vista ta' dak kollu sucitat, din il-Qorti temmen illi x-xhieda ta' Paul Baldacchino hija ammissibli fl-intier taghha u ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad it-tielet eccezzjoni preliminari mressqa mill-akkuzat.

Fir-**raba' eccezzjoni preliminari** tieghu l-akkuzat qieghed jecepixxi inammissibilita' tal-*buckle swab* mehuda minn Romina Caruana u l-inammissibilita' tax-xhieda moghtija u tar-rapporti redatti minn Marisa Cassar fir-rigward ta' l-imsemmija *buckle swab* in kwantu jmorru kontra dak kontenut fl-artikolu 635 tal-Kodici Kriminali. Id-difiza argumentat li Romina Caruana, mart

l-akkuzat, kienet ressqet proceduri kostituzzjonali kif jirrizulta mill-atti. Skond l-Artikolu 635 tal-Kodici Kriminali x-xhieda tal-mara tal-akkuzat m' ghandiex tkun ammissibbli u mhux biss ix-xhieda taghha, izda anke kull forma ta' evidenza li tinvolvi lilha. Din l-evidenza ssir ammissibbli biss jekk l-akkuzat jixhed waqt il-guri u bhala difiza hu jtella tixhed lill-mara tieghu. Ghalhekk isegwi illi kwalunkwe xhieda li ghandha x'taqsam mal-*buccal swab* hija wkoll inammissibbli fil-fehma tad-difiza. L-Avukat Generali min-naha l-ohra argumenta illi din il-vertenza kienet diga giet sorvolata quddiem l-Istruttorja, izda d-difiza rribattiet li l-akkuzat skont l-Artikolu 438 tal-Kodici Kriminali jista' jqajjem eccezzjoni u s'issa kien ghadu ma qajjem xejn minn dan. Quddiem l-Istruttorja kienet tqajjmet biss vertenza dwar lezjoni ta' dritt ta' terza persuna u cioe' tal-mara tal-akkuzat **u mhux** [10]vertenza dwar ammissibilta ta' prova mill-akkuzat.

L-**Artikolu 635 tal-Kodici Kriminali** jistipula s-segwenti:

> *635. (1) B'dak kollu li jingħad fl-artikolu 633, il-miżżewġin, sħab f'unjoni ċivili u koabitanti* ***ma jistgħux jinġiebu xhieda favur jew kontra xulxin****, ħlief meta –*
>
> *(a) ir-reat ikun sar kontra x-xhud jew kontra l-axxendenti jew id-dixxendenti tiegħu;*
>
> *(b) fil-każ ta' reati kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni, meta r-raġel jew il-mara jew is-sieħeb f'unjoni ċivili, jew il-koabitant tal-parti imputata jew akkużata tkun persuna li fuqha jew dwarha jkun sar ir-reat*

[10] Sottolinear ta' din l-Onorabbli Qorti

*jew tkun persuna li fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni tagħha limputat jew akkużat ikun għex;*

*(ċ) b'talba tal-imputat jew akkużat għax-xiehda talkonjuġi jew tas-sieħeb f'unjoni ċivili, jew tal-koabitant limputat jew akkużat stess, meta dan jista' jixhed taħt ġurament skont l-aħħar artikolu qabel dan.*

*(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jgħoddu wkoll jekk il-konjuġi jew is-sieħeb f'unjoni ċivili, jew il-koabitant tal-imputat jew akkużat ikunu xhud favur jew kontra wieħed barrani illi jkun għaddej kawża flimkien mar-raġel jew il-mara tax-xhud.*

Din il-Qorti tghid illi s-sentenzi li hemm esebiti fl-atti gew decizi fil-konfront ta' Romina Caruana u cioe' mart l-akkuzat u ghaldaqstant jikkostitwixxu stat fil-konfront ta' Romina Caruana biss. Ghalhekk dan huwa l-istadju li fiha ghandha tigi trattata l-ammissibilta o meno ta' tali prova da parte l-akkuzat. Dwar il-fatt li ma gewx lezi d-drittijiet fundamentali ta' Romina Caruana, llum hija kwistjoni *res judicata*. L-QEDB taghat definizzjoni tal-Artikolu 635 tal-Kodici Kriminali kif ghandu jigi interpretat minn lenti kostituzzjonali. Irid jigi mfakkar li dawn huma proceduri li gew istitwiti minn Romina Caruana stess u mhux mill-akkuzat.

Sta ghalhekk ghal din il-Qorti li taghti nterpretazzjoni ta' dan l-Artikolu minn *punto di vista* ta' kif ghandu jiftiehem fil-proceduri penali. Huwa l-akkuzat li ghandu dritt skond l-Artikolu 635 li l-mara tieghu ma tinkriminahx. Il-kelma xhieda hawn hekk ghandha tinghata nterpretazzjoni wiesgha u mhux biss bhala xhieda *viva voce* u dan stante li l-kelma xhieda, tradotta ghal kelma ingliza hija '*evidence*', il-materja ta' *buccal swab* hija evidenza u hija koperta daqs li kieku kienet xhieda ohra bhal impronti digitali. L-iskop ta' tali dispozizzjoni hija sabiex

jigu protetti il-legami bejn il-konjugi w ma jaghmilx sens mill-ottika kriminali li din il-Qorti ma tippermettix xhieda ghaliex il-mara m'hix xhud kompellibbli izda fl-istess hin takkolji bhala xhieda ammissibli l-*buccal swab* ta' konjugu fil-konfront ta' konjugu iehor. Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qeghda tilqa' r-raba' eccezzjoni preliminari tal-akkuzat.

Permezz ta' nota datata id-19 ta' Ottubru, 2022, l-Avukat Generali pprezenta nota ai termini tal-Artikolu 438(3) tal-Kodici Kriminali fejn qal illi l-akkuzat ndika numru ta' xhieda fejn spjega '*li dawn ser jixhdu dwar ir-relazzjoni al-akkuzat mal-mara tieghu u fatti u cirkostanzi ohra tal-kaz*' izda ma specifikax ezattament x'inhuma il-fatti u cirkostanzi ohra li qieghed jirreferi ghalihom u ghaldaqstant ma humiex ammissibbli.

Il-Qorti hawnhekk sejra taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Christopher Philip Agius**,[11] fejn gie ritenut is-segwenti:

> *6. Minn din il-parti tas-sentenza tat-23 ta' Jannar 2012 appella, kif ingħad, l-akkużat.* ***L-agggravju tiegħu hu fis-sens illi ġaladarba ma teżisti ebda exclusionary rule fir-rigward tax-xhieda ndikati minnu – enumerati (1) sa (7) – dawn qatt ma setgħu jiġu ddikjarati bħala inammissibbli.*** *Jgħid: "Ġie ripetutament ritenut li fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali għandha tiddeċiedi fit-termini ta' l-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali hija l-ammissibilita` ta' prova bħala kontrapposta għar-rilevanza ta' l-istess, b'dan li, indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista' tiġi regolata jew addirittura eskluża bħala rrilevanti fl-*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Mejju, 2013.

*istadju tas-smiegħ tal-provi, l-istess m'għandhiex tiġi preventivament u aprioristikament eskluża jekk tista' tirriżulta rilevanti ghal 'facts in issue'."*

*7. Fuq aggravju simili din il-Qorti kif komposta, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi*** *mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2012, iddeċidiet hekk:*

*"28. L-akkuzat appellant, izda, ghandu ragun isostni li x-xhieda minnu indikati u enumerati (1)(2)(4)(5)(6)(7) ma setghux jigu dikjarati inammissibbli mill-ewwel Qorti fin-nuqqas ta' xi regola legali li teskludi l-produzzjoni taghhom. Dan ormai huwa ben assodat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma hix bi hsiebha hawnhekk tirripeti. L-oggezzjoni tal-Avukat Generali fl-eccezzjoni tieghu rigwardanti dawn ix-xhieda hi merament* ***kwistjoni ta' relevanza u mhux ta' ammissibilita****`, u materja ta' relevanza hi rimessa biex tigi regolata mill-Imhallef togat fil-kors tal-guri.* ***Jekk l-Avukat Generali xtaq aktar informazzjoni minn dik provduta mill-akkuzat fil-lista tax-xhieda tieghu sabiex jiddetermina r-relevanza tax-xhieda msemmija l-istess Avukat Generali kellu l-ghazla li, kif previst fil-proviso tas-subartikolu (4) tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali, b'rikors jitlob li dak li jrid jiġi ippruvat bix-xhieda jiġi iddikjarat. L-Avukat Generali, izda, naqas milli jirrikorri ghal dan ir-rimedju."***

Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Avukat Generali meta jghid illi peress li l-iskop tax-xhieda mhux indikat b'mod preciz allura dawn ma humiex ammissibli u

ghalhekk jekk hu xtaq jiddetermina r-relevanza tax-xhieda huwa seta' jaghmel rikors ai termini tal-Artikolu 438(4) tal-Kodici Kriminali u jitlob li dak li jrid jigi ippruvat bix-xhieda jigi ddikjarat. In vista tas-suespost, din il-Qorti qed tichad din l-eccezzjoni hekk kif imressqa mill-Avukat Generali.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qedgha tichad l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat; qedgha tichad it-tieni eccezzjoni izda tordna korrezzjoni kif gej:

*Taht is-sub-titoli '**Il-konsegwenza**' u '**L-akkuza**' tat-tielet kap tal-att t'akkuza wara l-kelmiet **'spara arma tan-nar u cioe' senter tal-ghamla Benelli'** il-kliem <u>'f'post abitat'</u> ghandhom jigu mibdula bil-kelmiet **'waqt li huwa kien inqas minn 200 metru minn xi belt jew rahal, jew zona abitata ohra jew xi wahda mix-xtajtiet elenkati*** fl-Iskeda VII, jew f'medda ta' 50 metru minn toroq prinçipali jew arterjali.'

*Oltre minn hekk that is-sub-titolu '**Il-piena**' tat-tielet kap tal-att t'akkuza, **l-kelmiet 'multa ta' mhux anqas minn** mitejn tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu €232.94 **iżda mhux iżjed minn** erba' elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu €4658.75, **u l-konfiska tal-corpus delicti, skont dak li hemm u jintqal fir-regolamenti 18(2)(a) u 27(2)(a)'** jigu korretti bil-kelmiet: **'multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) izda mhux izjed minn elf u mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), skont dak li hemm u jintqal fir-regolamenti 18(2)(a) u 27(3)(a).'***

Di piu, din il-Qorti qeghda wkoll tichad it-tielet eccezzjoni preliminari tal-akkuzat izda qeghda tilqa' r-raba' eccezzjoni preliminari w ghalhekk tiddikjara inammissibli l-*buckle swab* mehuda minn Romina Caruana, kif ukoll ix-xhieda moghtija u tar-rapporti redatti minn Marisa Cassar fir-rigward tal-imsemmija buckle swab in kwantu jmorru kontra dak kontenut fl-Artikolu 635 tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti qeghda wkoll tichad l-unika l-eccezzjoni mressqa mill-Avukat Generali.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tordna l-prosegwiment ta′ dawn il-proceduri.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur